MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 492/1994/1

**Bartolomeo Zarb**

**v.**

**Jesmond Camilleri u b'digriet tas-16 ta' Marzu 1998, giet imsejha fil-kawza s-socjeta` Elmo Insurance Services Limited f'isem is-socjeta` Sun Alliance and London Insurance p.l.c.; u b'nota tad-9 ta' Novembru 2000, il-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta` Elmo Insurance Services Limited f'isem is-socjeta` Sun Alliance and London Insurace p.l.c., u b'nota tad-9 ta'**

**Mejju 2005, il-kumpanija Elmo Insurance Ltd stante trasferiment lilha tal-portfolio tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. assumiet l-atti tal-kawza bhala kjamata fil-kawza minflok l-imsemmija Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera assikuratrici Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c.**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata fil-15 ta' April 1994, fil-Prim Awla tal-Qorti Civili kontra l-konvenut, l-attur, wara li ppremetta illi fil-5 ta' Dicembru 1992, filwaqt li l-van numru ta' registrazzjoni K-3454 proprjeta` ta' l-attur kien qed jinstaq minn Noel Zarb f'Triq il-Barrieri, Msida, il-konvenut li kien qed isuq il-vettura numru ta' registrazzjoni R-6062 f'Gwann Mamo Street, baqa' hiereg ghal go Triq il-Barrieri minghajr ma waqaf u habat gol-vettura ta' l-attur, illi l-kollizzjoni sehhet minhabba negligenza, traskuragni u inadempjenza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut li baqa' hiereg minn Triq Gwann Mamo, triq sekondarja ghal Triq il-Barrieri, minghajr ma waqaf, inoltre meta hareg ma zammx fuq in-naha tieghu tat-triq, illi b'rizultat ta' dan l-incident il-van ta' l-attur garrab diversi hsarat u illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex jersaq ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' l-istess kollizzjoni, baqa' inadempjenti, talab li jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex dik il-Qorti:-

(1) tiddikjarah responsabbli ghall-kollizzjoni msemmija u cioe` dik li grat fil-5 ta' Dicembru 1992, bejn il-van numru ta' registrazzjoni K-3454 u l-vettura numru ta' registrazzjoni R-6062;

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat ta' din il-kollizzjoni okkorrendo, jekk hemm bzonn, bin-nomina ta' periti nominandi; u

(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma li tigi hekk likwidata – bl-ispejjez u bl-interessi legali komprizi dawk ta' l-ittra bonarja kontra l-konvenut.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT**

2. B'nota ta' l-eccezzjonijiet ipprezentata mill-konvenut fit-30 ta' Jannar 1997, dan eccepixxa:-

(1) preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti; u

(2) illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attur.

**IS-SENTENZI APPELLATI**

3. B'sentenza in parte moghtija fit-30 ta' Mejju 1997, il-Prim Awla tal-Qorti Civili cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mill-konvenut bl-ispejjez kontra tieghu.

**IL-KJAMATA FIL-KAWZA TAS-SOCJETA` ASSIKURATRICI**

4. Illi fis-16 ta' Marzu 1998, il-konvenut talab illi tissejjah fil-kawza s-socjeta` assikuratrici tieghu u din it-talba ntlaqghet mil-Prim Awla tal-Qorti Civili b'digriet tas-16 ta' Marzu 1998, jigifieri ta' dakinhar stess. L-imsemmija socjeta` giet notifikata fl-4 ta' Gunju, 1998.

**L-ECCEZZJONIJIET TAL-KJAMATA FIL-KAWZA**

5. B'nota ta' l-eccezzjonijiet taghha l-imsemmija socjeta` msejha fil-kawza eccepiet illi:-

(1) preliminarjament il-kollizzjoni msemmija fic-citazzjoni grat fil-5 ta' Dicembru 1992, u l-azzjoni prezenti hija intiza ghall-hlas tad-danni akwiljani li taqa' skond il-ligi bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Is-socjeta` msejha fil-kawza ghandha skond il-ligi ghall-finijiet kollha titqies bhal kull konvenut iehor. Bhala tali hija teccepixxi fil-konfront ta' l-attur il-preskrizzjoni fuq imsemmija ta' sentejn billi hija l-ewwel darba li giet notifikata b'att gudizzarju rigward il-pretensjoni prezenti kienet meta rceviet ic-citazzjoni odjerna fl-4 ta' Gunju 1998; u

(2) subordinatament fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, il-konvenut ma kellu l-ebda tort fil-kollizzjoni li grat unikament tort tas-sewwieq l-iehor u ghalhekk it-talba attrici jisthoqqilha li tigi respinta.

**IS-SENTENZA FINALI TA' L-EWWEL QORTI**

6. B'sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju 2002, il-Prim Awla tal-Qorti Civili (1) cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mis-socjeta` msejha fil-kawza u qatghet il-kawza billi, wara li cahdet l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni mressqa mis-socjeta` msejha fil-kawza u cahdet l-eccezzjonijiet l-ohrajn ukoll, laqghet it-talbiet ta' l-attur, iddecidiet illi l-htija kienet tal-konvenut wahdu, illikwidat id-danni fis-somma ta' erba' mija u disgha u sittin lira (Lm469) u kkundannat lill-konvenut u lill-assikuratur tieghu skond il-ligi jhallsu lill-attur is-somma ta' erba' mija disgha u sittin lira (Lm469) flimkien ma' l-ispejjez mitluba fic-citazzjoni u l-imghax minn dakinhar tal-prezentata tac-citazzjoni.

**L-APPELL TAL-KONVENUT U TAL-KJAMATA FIL-KAWZA**

7. Peress li kemm il-konvenut kif ukoll is-socjeta` msejha fil-kawza hassewhom aggravati bl-imsemmija sentenza tat-30 ta' Mejju 1997, kif ukoll bl-imsemmija sentenza tat-28 ta' Gunju 2002, huma interponew appell minnhom quddiem din il-Qorti.

8.1 L-aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti bazikament f'dan li gej:-

(a) Kwantu ghas-sentenza tat-30 ta' Mejju 1997, li tirrigwarda l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, l-ewwel Qorti rriteniet li meta saret il-korrezzjoni fic-citazzjoni fit-3 ta' Lulju 1995, il-kawza baqghet l-istess kawza li kienet inbdiet fil-15 ta' April 1994 (entro t-terminu ta' sentejn mill-kollizzjoni) u ghalhekk ma setax jinghad li l-kawza infethet tard. Bir-rispett kollu jigi sottomess li qabel il-korrezzjoni tat-3 ta' Lulju 1995, ma kien hemm l-ebda citazzjoni veljanti kontra l-konvenut Jesmond Camilleri, - imkien ma jissemma' dan Jesmond Camilleri u beda jissemma' biss fl-atti tal-process dakinhar tal-korrezzjoni. Sa dakinhar ma jistax jinghad li kien hemm talba

gudizzjarja kontra Jesmond Camilleri u ghalhekk il-preskrizzjoni li qieghed jissolleva ma kinitx inkisret u ma setghetx tinkiser fil-konfront tieghu. Il-konvenut Jesmond Camilleri sa dakinhar tal-korrezzjoni kien akkwista dritt kwezit li jissolleva l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn u mhux lecitu li hu jigi privat minn dan id-dritt billi ssir korrezzjoni fic-citazzjoni u jigi mdahhal fiha ismu. Il-ligi fl-Art. 2128 u 2129 tal-Kodici Civili tikkontempla l-kazijiet fejn il-preskrizzjoni tinkiser l-istess ghar-ragunijiet hemm imsemmija izda fl-ebda parti mil-ligi ma jinghad li l-preskrizzjoni tinkiser l-istess meta t-talba gudizzjarja tkun saret originarjament kontra u fl-isem ta' persuna li mhux il-konvenut. It-talba gudizzjarja <u>bdiet</u> kontra l-konvenut dakinhar li saret il-korrezzjoni u sa dakinhar il-perijodu ta' preskrizzjoni kien diga` ghadda. L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija eccezzjoni li taffettwa l-meritu tal-kawza u li tferixxi s-sustanza ta' l-azzjoni u l-konvenut ma jistax jigi pprivat mid-dritt kwezit tieghu li jissolleva din l-eccezzjoni billi ssir korrezzjoni fic-citazzjoni. Il-ligi u l-gurisprudenza ma jippermettux li jsiru korrezzjonijiet simili (Qorti tal-Kummerc, Anastasi v. Said, 16 ta' Gunju 1953 (Koll. Dec. Vol. XXXVII-I-891). Ghal dawn ir-ragunijiet jigi sottomess li l-imsemmija eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut jisthoqqilha li tigi accettata f'liema ipotezi l-kjamata fil-kawza tas-socjeta` appellanti u s-sentenza fil-meritu ghandhom ukoll jaqghu.

(b) Kwantu ghas-sentenza moghtija fit-28 ta' Gunju 2002, din titratta l-ewwel dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` msejha fil-kawza u mbaghad dwar ta' min kienet il-htija ghall-kollizzjoni. L-appellanti se jsegwu dan l-ordni fis-sottomissjonijiet taghhom.

8.2 Riferibbilment ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` msejha fil-kawza jidher car mis-sentenza appellata li l-ewwel Qorti, meta ttrattat u ddecidiet din il-kwistjoni, kellha f'mohha l-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) tant li rriteniet li s-socjeta` msejha fil-kawza kienet giet moghtija l-avviz li trid il-ligi (Art. 10, Kap.

104) meta ssejhet fil-kawza u ghalhekk ma tistax tehles mir-responsabbilita` taghha billi teccepixxi l-preskrizzjoni.

8.3 Fil-fatt pero`, bir-rispett kollu, ma garax hekk. L-Art. 10 tal-Kap. 104 jiddisponi li l-assikuratur ghandu jhallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat sentenza kull somma flus li ghandha tithallas bis-sahha ta' dik is-sentenza. Ghal din ir-regola generali l-ligi fl-Art. 10(2) taghmel certi eccezzjonijiet fosthom dik kontemplata fl-Art. 10(2)(a) skond liema dispozizzjoni l-ebda somma ma jkollha tithallas mill-assikuratur b'effett tas-sentenza kemm-il darba qabel jew fi zmien sebat ijiem wara tmiem il-provi ta' l-attur fil-procediment li fih tkun giet moghtija s-sentenza, ma jinghatax avviz ta' dak il-procediment b'att gudizzjarju lill-assikuratur.

8.4 L-ewwel Qorti rriteniet li l-avviz tal-procediment jista' jinghata kemm mill-assikurat kif ukoll mill-attur. L-appellanti jissottomettu li ghalkemm fl-Art. 10(2)(a) il-ligi tghid "ma jinghatax avviz ta' dan il-procediment", dawn il-kliem ghandhom jinqraw flimkien ma' l-Art. 10(1) u miftehma fid-dawl ta' dak li jintqal f'dan l-Art. 10(1) li jikkontempla d-dritt ghall-hlas tat-"third party". L-Art. 10(2)(a) hija eccezzjoni ghal dan id-dritt; biex ikollu dan id-dritt it-"third party" ghandu jaghti l-avviz kontemplat fl-Art. 10(2)(a). Il-ligi mhix qeghda tikkontempla d-dritt ta' l-assikurat u kwindi meta riedet avviz, riditu mit-"third party" sabiex dan jithallas skond l-Art. 10(1).

8.5 L-ewwel Qorti rriteniet ukoll li s-socjeta` msejha fil-kawza nghatat l-avviz li trid il-ligi meta ssejhet fil-kawza. Bir-rispett kollu jigi sottomess li bis-sejha fil-kawza s-socjeta` ma nghatat l-ebda avviz imma saret minnufih konvenuta fil-kawza (Art. 962, Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili).

8.6 Isegwi minn dan kollu li gie sottomess hawn fuq illi s-socjeta` msejha fil-kawza ma gietx hekk imsejha taht id-dispozizzjonijiet specjali tal-Kap. 104 izda giet imsejha taht il-ligi generali fil-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili billi ghandha interess fil-kawza.

8.7 Bhala konvenuta, is-socjeta` msejha fil-kawza kellha kull dritt li teccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn billi minn meta gara l-incident sakemm saret konvenuta bis-sejha taghha fil-kawza kienu altru li ghaddew is-sentejn rikjesti ghall-preskrizzjoni sollevata minnha. Huwa veru li b'ittra tat-8 ta' April 1993, is-socjeta` msejha fil-kawza kienet issuggeriet li d-danni jithallsu "fifty-fifty". Din l-offerta, kif isir is-soltu u kif ikkonferma x-xhud Crockford, saret bla pregudizzju sabiex jigu evitati l-proceduri bil-Qorti u ghalhekk ma tammontax ghal interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Fil-fatt lanqas ma giet accettata. Izda anke jekk, ghall-grazzja ta' l-argument, jigi ritenut li kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni, dan gara fit-8 ta' April, 1993 (data ta' l-imsemmija ittra). Wara din id-data l-perijodu tal-preskrizzjoni rega' beda jghaddi (Art. 2136(2), Kodici Civili) u sa meta saret is-sejha fil-kawza tas-socjeta` fis-16 ta' Marzu 1998, kien ghadda l-perijodu ta' sentejn fuq imsemmi. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` msejha fil-kawza jisthoqqilha li tigi akkolta.

8.8 Kwantu ghall-meritu, cioe` r-responsabbilita` ghall-kollizzjoni in kwistjoni u l-hlas tad-danni, is-socjeta` msejha fil-kawza tirrileva li hija kienet ipprezentat nota ta' osservazzjonijiet dettaljata inter alia wkoll dwar ir-responsabbilita` liema nota ma giet bl-ebda mod imsemmija fis-sentenza appellata u fejn ma jissemmew bl-ebda mod l-argumenti dettaljati avvanzati fiha u ghaliex l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx qeghda taccettahom. Is-socjeta` msejha fil-kawza umilment taghmel riferenza ghal din in-nota ta' osservazzjonijiet, kif ukoll jaghmel il-konvenut.

8.9 L-ewwel Qorti qalet li temmen aktar lis-sewwieq tal-van ta' l-attur illi jghid li l-konvenut baqa' hiereg bla ma waqaf milli temmen lill-konvenut li jghid li kien waqaf fil-kantuniera qabel Triq il-Barrieri. Fil-fatt pero` l-konvenut ma qalx dan. Minn ezami tad-deposizzjoni li ta fis-seduta tas-17 ta' April 2000, jirrizulta li hu waqaf fil-kantuniera bejn Triq J. Borg u Triq Misrah il-Barrieri, hu ra van niezel wrong side bi speed qawwi u waqaf. Jigifieri l-konvenut waqaf darbtejn – darba qabel ma hareg fi Triq Misrah il-

Barrieri u darba ohra meta ra l-van gej fi Triq Misrah il-Barrieri. Kien meta waqaf it-tieni darba li grat il-kollizzjoni. Dan jirrizulta mid-deposizzjoni ta' l-istess konvenut meta qal (l-ewwel para. tad-deposizzjoni tieghu) "Jiena u ghaddej minn dik il-kantuniera, hemmhekk waqaft f'dik il-kantuniera………. "Jiena u tiela' nara van niezel, waqaft ghax kien niezel wrong side dan il-van……. Kien niezel wrong way fuq in-naha tieghi fejn kont ipparkjajt jien. Mhux ipparkjat, kont wieqaf" u l-konvenut kompla jispjega dettaljatament fejn kien waqaf it-tieni darba. Iktar tard l-istess konvenut meta gie mistoqsi kif hareg minn J. Borg Street, irrisponda: "Le, hemm ukoll waqaft" u izjed tard meta rrefera ghall-kollizzjoni li grat fi Triq Misrah il-Barrieri, il-konvenut qal: "Kien niezel fuq in-naha tieghi", kliem dawn li juru li l-konvenut ma qalx li kien waqaf fil-kantuniera meta grat il-habta (kif donnha hasbet l-ewwel Onorabbli Qorti) imma li kien fuq in-naha tieghu fi Triq Misrah il-Barrieri. Ix-xhud Lorenzo Agius jikkonferma lill-konvenut meta qal: "waqafna fejn din il-kantuniera u hrigna hawnhekk, jigifieri bdejna nduru l-kantuniera" u aktar tard: "Waqaf fil-kantuniera u hareg bil-mod hux". Il-konvenut, kif konfermat minn Agius, kien diga` hareg u beda tiela` 'l fuq fuq in-naha tieghu tat-triq meta grat il-kollizzjoni u ghalhekk bir-rispett kollu l-ewwel Qorti ma kellhiex ragun li ma temminx lill-konvenut billi skond hi qal li kien wieqaf fil-kantuniera, – kien waqaf fil-kantuniera izda wara hareg fi Triq Misrah il-Barrieri u rega' waqaf fuq in-naha tieghu tat-triq meta seta' jara u ra l-van gej mill-faccata fuq in-naha hazina tat-triq u kien hemm li grat il-habta u mhux fil-kantuniera, kif del resto jirrizulta mill-isketch tal-Pulizija.

8.10 Fil-fatt il-provi juru li l-attur ma ssodisfax il-piz tal-prova mixhut fuqu b'ligi li jipprova li l-kollizzjoni grat htija tal-konvenut. Anzi l-provi juru proprju l-kuntrarju. Is-sewwieq tal-van kien gej minn wara liwja ghan-nizla bi speed qawwi u fuq in-naha hazina tat-triq stante li bl-ispeed tieghu kellu minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq "to cut the corner" u kien jitkellem jew jillitiga ma` passiggiera li kienet hdejh fil-van. Il-kollizzjoni grat minhabba dan in-nuqqas tas-sewwieq tal-van. L-isketch fuq imsemmi esebit mill-Pulizija jkompli jikkonferma li l-point of impact

kien fuq in-naha tat-triq tal-konvenut u dan ghar-ragunijiet dettaljati sottomessi fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet ta’ l-imsejha fil-kawza fuq imsemmija. Il-konvenut kellu dritt jistenna li n-naha tieghu tat-triq tkun libera izda l-van oltrepassa l-linja medjana tat-triq (Triq Misrah il-Barrieri) u b’dan il-mod ikkaguna l-kollizzjoni.

8.11 Fl-ahharnett u subordinatament u bla pregudizzju ghal dak kollu li gie sottomess hawn fuq, l-appellanti jissottomettu wkoll li l-ewwel Qorti ma messhiex akkordat l-imghax minn dakinhar tal-prezentata tac-citazzjoni, jigifieri mill-15 ta’ April, 1994. Il-Qrati taghna dejjem segwew l-principju “In illiquidis non fit mora”. Kif jidher mic-citazzjoni l-attur qed jitlob mhux il-hlas ta’ somma determinata imma l-hlas ta’ somma li ghandha tigi likwidata mill-Qorti u ghalhekk l-imghax semmai ghandu jibda jghaddi mid-data tas-sentenza appellata, jigifieri mit-28 ta’ Gunju 2002, ghaliex dakinhar is-somma giet likwidata u determinata.

Ghal dawn il-motivi l-appellanti talbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza moghtija fit-30 ta’ Mejju 1997, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili billi tilqa’ l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut hemm imsemmija u ghalhekk tilqa’ l-appell maghmul mill-istess sentenza u li joghgobha wkoll tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ Gunju 2002, billi tilqa’ l-eccezzjoni hemm imsemmija tal-preskrizzjoni sollevata mill-imsejha fil-kawza u billi tilqa’ l-eccezzjonijiet fil-meritu ta’ l-appellanti li l-konvenut ma kellu l-ebda tort fil-kollizjoni fuq imsemmija u ghalhekk tilqa’ l-appell maghmul mill-istess sentenza tat-28 ta’ Gunju 2002, u ghaldaqstant tichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra tieghu.

**<u>IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TA’ BARTOLOMEO ZARB</u>**

9 L-attur appellat wiegeb hekk:

9.1 Illi s-sentenza appellata hija gusta fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi kkonfermata fl-interita` taghha l-ispejjez kontra l-appellanti;

9.2 Illi b'referenza ghac-cahda ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Camilleri, l-appellat jaghmel referenza ghall-gurisprudenza indikata mill-Qorti tal-prim istanza fis-sentenza in parte taghha tat-30 ta' Mejju 1997, u ghar-ragunijiet indikati ghad-decizjoni li waslet ghaliha, liema gurisprudenza u ragunament, bl-ebda mod ma gew kredibilment ribaditi (sic!) mill-appellant Zarb;

9.3 Illi qatt ma kien hemm dubju dwar l-identita` tal-persuna li giet notifikata bhala l-konvenut f'dawn il-proceduri nonostante l-fatt illi inizjalment, l-ewwel isem taghha gie erroneament indikat bi zball tal-pinna bhala 'Leonard' flok 'Jesmond', u dan stante illi l-kunjom kien korrett, l-indirizz kien korrett u l-fatti indikati fic-citazzjoni kienu kollha jindikaw kollizzjoni li kien involut fiha l-appellant Jesmond Camilleri;

9.4 Illi ghalhekk wiehed ma jistax jikkalkola t-termini ta' preskrizzjoni mid-data tal-korrezzjoni izda mid-data li ghall-finijiet u effetti kollha l-appellant gie notifikat bic-citazzjoni, haga li saret qabel ma skada t-terminu ta' sentejn preskritt mil-Ligi;

9.5 Illi b'referenza ghac-cahda ta' l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta assiguratrici, l-appellat jirrileva illi din giet imsejha fil-kawza qabel xejn mill-konvenut stess li kien assigurat ma' l-istess socjeta` konvenuta, u dan ghaliex huwa kellu dubji serji dwar jekk hija kinitx ser tonera l-obbligi taghha taht il-polza ta' l-assigurazzjoni "third party" li huwa kellu maghha, u a tenur tal-kapitolu 104;

9.6 Illi l-attur jirrileva illi s-socjeta` konvenuta appellanti ma gietx msejha fil-kawza mill-konvenut ghaliex kien hemm xi dubju dwar jekk hija kinitx responsabbli ta' l-incident awtomobilistiku in kwistjoni, bhal li kieku kien hemm karozza ohra involuta, izda semplicement ai termini tal-Kapitolu 104;

9.7 Illi ghalhekk gie korrettement deciz illi la darba s-socjeta` konvenuta appellanti giet msejha ai termini tal-Kapitolu 104 hija ma tistax tissolleva l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' sentejn daqs li kieku hija kienet is-sewwieq responsabbli ta' kollizzjoni;

Illi kif korretttement deciz mill-Prim Istanza, il-kwistjoni kollha kienet biss jekk is-socjeta` konvenuta assiguratrici rcevietx l-avviz ai termini ta' l-Artikolu 10(2) tal-Kapitolu 104;

Illi la darba nghata dak l-avviz bin-notifika tac-citazzjoni allura s-socjeta` konvenuta assiguratrici appellanti ma tistax tqajjem eccezzjoni ta' preskrizzjoni fil-konfront ta' l-attur appellat;

9.8 Illi kwantu ghall-mertu deciz dwar ir-responsabbilita` tal-kollizzjoni, l-appellat jirrileva illi dan kien jinvolvi apprezzament ta' fatti min-naha ta' l-ewwel Qorti li waslet ghall-konkluzjoni korretta illi l-incident gara minhabba l-fatt illi l-konvenut Camilleri baqa' hiereg minn triq sekondarja ghal fuq triq principali minghajr ma waqaf fil-kantuniera kif kien fid-dmir li jaghmel;

Illi kif tajjeb osservat il-Qorti, ix-xiehda tal-konvenut Camilleri kienet kontradetta wkoll mix-xiehda tal-passiggier tieghu, u cioe` Lorenzo Agius li xehed illi l-konvenut kien lahaq hareg fi Triq il-Barrieri meta saret il-habta, u ma kienx wieqaf fil-kantuniera, kif xehed il-konvenut;

Illi inoltre l-iskizz tal-Pulizija juri li meta saret il-habta l-konvenut ma kienx fil-kantuniera, izda kien hareg sew fi Triq il-Barrieri, "aktar u aktar meta tqis illi bid-daqqa meta ntefa' lura u ghalhekk kien lahaq hareg aktar milli muri fuq l-iskizz".

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

10.1 L-appell interpost mill-appellant konvenut Jesmond Camilleri u tas-socjeta` assikuratrici kjamata fil-kawza hu mirat biex jolqot is-segwenti:

1) is-sentenza in parte moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Marzu 1997, li biha giet respinta l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut Jesmond Camilleri; kif ukoll,

2) is-sentenza ulterjuri u finali moghtija mill-istess Qorti fit-28 ta’ Gunju 2002, li tirrigwarda kemm l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` kjamata fil-kawza, kif ukoll il-bqija tal-vertenza fil-mertu – kollha decizi favur it-talbiet ta’ l-attur appellat.

Dwar l-Ewwel sentenza in parte rigwardanti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut Jesmond Camilleri.

10.2 Ikun opportun li din il-Qorti, ghal fini ta’ deliberazzjoni, tibda billi tinvestiga l-aggravju fir-rigward ta’ l-ewwel sentenza in parte dwar l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni originarjament sollevata mill-konvenut Jesmond Camilleri, liema eccezzjoni giet respinta mill-ewwel Qorti. Dan qieghed isir mhux biss ghaliex kronologikament l-iter tal-kawza segwa dan il-binarju imma ghaliex ukoll li kieku kellu jirrizulta li l-aggravju ta’ l-appellanti relativament ghal din id-decizjoni huwa fondat, allura jgib il-konsegwenza li l-kawza intentata mill-attur tkun wahda preskritta u kwindi mhux aktar proceduralment proponibbli – kemm fir-rigward ta’ l-eccipjent appellant Jesmond Camilleri, kif ukoll fil-konfront tas-socjeta` assiguratrici msejha fil-kawza, ko-appellanti f’din il-procedura.

10.3 Minn ezami ta’ l-atti tal-kawza jirrizulta li l-incident awtomobilistiku sehh fil-5 ta’ Dicembru, 1992. L-attur istitwixxa l-kawza in ezami b’att ta’ citazzjoni pprezentat fil-15 ta’ April 1994, jigifieri entro t-terminu ta’ sentejn, u ghalhekk fiz-zmien moghti mil-ligi civili taghna ghal fini ta’ azzjoni ta’ danni – ara Artikolu 2153 tal-Kap. 16. Jigi hawn pero` rilevat li c-citazzjoni ma gietx originarjament istitwita kontra Jesmond Camilleri imma kontra persuna ohra bl-isem ta’ Leonard Camilleri. Jigi wkoll innutat li fir-rapport ta’ l-incident rilaxxjat mill-awtoritajiet kompetenti

fih hemm imnizzel kjarament li involuti bhala sewwieqa f'dan l-incident kien hemm, min-naha 'l wahda, Noel Zarb (li jigi bin l-attur appellat), u min-naha 'l ohra Jesmond Camilleri li joqghod "Flamingo", Triq Giovanni Bonavia, Luqa (ara fol. 82 tal-process). Ghal xi raguni li jafha hu biss, l-attur, tramite l-legali tieghu, ghazel li jipprocedi kontra xi hadd jismu "Leonard Camilleri", b'indirizz ghal kollox differenti minn kif indikat fl-imsemmi rapport. Evidentement irrizulta mhux biss li l-konvenut Jesmond Camilleri ma seta' qatt jigi validament notifikat imma li sal-mument li l-att tac-citazzjoni baqa' ma giex debitament korrett, ma setax lanqas jitqies li kien hemm talba gudizzjarja kontra l-istess Jesmond Camilleri.

10.4 Konxju ta' dan l-izball manifest (ara rikors tieghu datat 30 ta' Gunju 1995, a fol. 8 tal-process), l-attur talab il-korrezzjoni ta' l-isem tal-konvenut, billi l-isem ta' "Leonard Camilleri" jigi sostitwit bl-isem ta' "Jesmond Camilleri". Din it-talba saret mill-attur fit-3 ta' Gunju 1995, u giet milqugha mill-ewwel Qorti fit-3 ta' Lulju, 1995 (fol. 9).

10.5 Hu risaput li ex lege, il-preskrizzjoni tista' tigi sollevata f'kull stadju tal-kawza. Fil-kaz in ezami huwa pacifiku li l-eccezzjoni tas-sentejn giet sollevata mill-konvenut Jesmond Camilleri hekk kif dan gie ammess li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet wara li rnexxielu jiggustifika l-istat ta' kontumacja tieghu. L-ewwel Qorti, fid-decizjoni taghha tat-30 ta' Mejju 1997, irrespingiet din l-eccezzjoni in kwantu rriteniet inter alia li,
"Kull ma gara fit-3 ta' Lulju 1995, kien li l-isem ta' persuna, li qabel kien muri hazin, saritlu korrezzjoni. Il-persuna baqghet l-istess: dik li kienet qeghda ssuq il-karozza li habtet mal-vettura ta' l-attur fil-5 ta' Dicembru, 1992. Ma ssejhitx persuna gdida fil-kawza. Il-kawza ma kinitx infethet kontra persuna b'ohra; saret kontra min kellha ssir, ghalkemm l-isem kien muri hazin."

Bir-rispett kollu, din il-Qorti hija tal-fehma diversa li r-ragjonament moghti mill-ewwel Qorti mhux biss huwa semplicistiku wisq, imma huwa wkoll wiehed fallaci. Il-fatt

jibqa' li att gudizzjarju mahrug fuq persuna indikata bhala "Leonard Camilleri" li toqghod "110, Marina Street, Pieta`" (ara a fol. 10 tal-process) giet mibdula b'ohra fil-persuna ta' Jesmond Camilleri li joqghod jew f'numru 134, Carmel Street, Luqa jew "Flamingo", Triq Giovanni Bonavia, Luqa. Evidentement jirrizulta li originarjament – bi zball ammess mill-attur fir-rikors tieghu ghal fini ta' korrezzjoni – l-attur kien harrek persuna ohra. Jirrizulta inoltre li fil-mument li dan l-izball gie sanat b'korrezzjoni, it-terminu preskrittiv ta' sentejn kien lahaq iddekorra inezorabilment. Bl-istess argument (fallaci) ta' l-ewwel Qorti li kieku l-attur ottjena sentenza kontra "Leonard Camilleri" fl-indirizz moghti, l-effett ta' din is-sentenza kien ikun l-istess, imma dan m'huwiex korrett. Di fatti gie ritenut minn din il-Qorti (ara decizjoni in re ***Korporazzjoni Telemalta v. Giuma Nasser El-Miludi***, moghtija fit-8 ta' Lulju, 1998) illi "…fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sentenza appellata ghandha tigi annullata billi l-konvenut gie mharrek b'isem zbaljat u s-sentenza appellata ma jistax ikollha effett fil-konfront tieghu galadarba kemm ic-citazzjoni kif ukoll is-sentenza ma jirreferux ghalih imma ghal persuna inezistenti u huwa fl-interess ta' l-istess attur li l-atti jigu ssanati billi ssir il-korrezzjoni mehtiega u ssir in-notifika mill-gdid bl-att tac-citazzjoni debitament korrett" (ara wkoll id-decizjoni anterjuri ta' l-istess Qorti in re: ***Teodora Schembri v. Giuseppe Farrugia*** tal-14 ta' April 1961).

Fil-kaz in ezami, l-attur l-ewwel ha z-zmien tieghu biex jistitwixxi proceduri gudizzjarji kontra xi hadd ismu "Leonard Camilleri", imbaghad wara ntebah li dan kien l-isem zbaljat, ottjena korrezzjoni ta' l-isem u hareg notifika f'indirizz divers, u effettwa notifika valida ghall-ewwel darba kontra Jesmond Camilleri wara li kien ghadda l-perijodu ta' sentejn (fis-7 ta' Ottubru 1995). Issa li kieku kellu jirrizulta li entro l-perijodu ta' sentejn, l-att ta' citazzjoni b'xi mod gie f'idejn il-konvenut Jesmond Camilleri, allura din il-Qorti kienet tkun propensa li tabbraccja r-ragjonament ta' l-ewwel Qorti ghaliex, wara kollox, l-attur proprjament kellu l-ghan li jharrek lilu, imma mhux hekk jidher li gara f'dan il-kaz. Ghalhekk fil-mument li l-konvenut gie notifikat, l-azzjoni attrici kienet gia`

preskritta u jsegwi allura li kull att iehor li sar wara, kompriza l-kjamata fil-kawza tas-socjeta` assikuratrici, kien milqut bl-istess preskrizzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi filwaqt li tilqa’ l-aggravju ta’ l-appellanti rigwardanti l-preskrizzjoni u wara li tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, tirrevoka s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------